MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 445/2012

**Marlene Saliba nee' Pawley**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha li huwa reġistrat fl-Atti tat-Twelid miżmuma mid-Direttur intimat bin-numru 1491/1954 kopja tal-estratt hawn anness u mmarkat bħala Dok "A" r-rikorrenti hija reġistrata bl-isem Mary-Luisa;

Illi pero r-rikorrenti hija magħrufa bħala Marlene u dan *stante* illi għal żmien twil kemm hi kif ukoll il-familja tagħha

wżaw dan l-isem għaliha, illi llum hija magħrufa u msejħa bl-isem Marlene;

Illi għalhekk ir-rikorrenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi reġistrat fl-att tat-twelid tar-rikorrent fuq imsemmi, l-isem Marlene minflok l-isem eżistenti Mary-Luisa;

Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra fl-att ta' twelid tar-rikorrenti l-isem Marlene minflok l-isem Mary-Luisa u tordna illi l-istess isem Mary-Luisa jiġi mħassar mill-att ta' twelid tar-rikorrenti (numru 1491 tas-sena 1954);

(ii) Tordna illi l-bdil effettwatt fl-att tat-twelid tar-rikorrenta jiġi rifless fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti (numru 3349 tas-sena 1974) u kif ukoll fl-att tat-twelid ta' wliedha Robert Saliba (att tat-twelid numru 4450 tas-sena 1975) u David Saliba (att tat-twelid numru 3646 tas-sena 1980).

Bl-inġunzjoni tad-Direttur intimat għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-23 ta' Mejju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li hija għandha tidher bħala *'Mary-Luisa sive Marlene Saliba neè Pawley'* u mhux *'Marlene*

*Saliba neè Pawley' stante* li l-isem u l-kunjom *'Marlene Saliba neè Pawley'* ma jappartjenix lilha skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 1491 tas-sena 1954;

3. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Felix Alfred Pawley, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1491 tas-sena 1954 u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tat-8 ta' Ottubru 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-artikolu 92(2) tal-Kodiċi Ċivili wkoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attriċi minn dejjem kienet magħrufa bl-isem Marlene kif jidher ampjament mill-provi. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u ma allura għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------